Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.

Mag Juris (Eur Law)

Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Denise Mula)

vs

Ali Abdul Mohamad

Illum 3 ta' Settembru, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Ali Abdul Mohamad, ta' nazzjonalita Libjana, detentur ta' passaport numru 329443 li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli matul l-ahhar jiem qabel l-1 ta' Settembru 2002 f'dawn il-gzejjer :

a) iffalsifika, biddel, jew ghamel xi tibdil f'passaport, jew uza, jew kellu ghandu passaport li huwa jaf li gie iffalsifikat, imbiddel, jew li sar tibdil fih, bi ksur tal-Artikolu 5 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) ghamel falsifikazzjoni ohra, jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, bi ksur tal-Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) matul l-ahhar xhur, minghajr ma inghata permess ta' residenza nizel l-art jew kien Malta minghajr permess minghand l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni bi ksur tal-Art. 5 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li taghti l-piena stabbilita skond il-Ligi, tiddikjara lill-imsemmi Ali Abdul Mohamad bhala immigrant ipprojbit u tohrog ordni ta' tnehhija kontra tieghu skond l-Artikoli 14 u 15 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq amissjoni;

Issibu hati, wara illi rat l-Artikolu 5 tal-Kap. 61, l-Artikolu 189 u 190 tal-Kap. 9 u l-Artikoli 5, 14 u 15 tal-Kap. 217;

Ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputat ikkopera mal-pulizija u irregistra ammissjoni mal-ewwel opportunita ghalhekk, wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tikkundannah ghal prigunerija ta' disa' xhur sospiza ghal perjodu ta' tmintax-il xahar millum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilita tieghu skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' prigunerija sospiza.

Il-Qorti tordna illi tigi imposta fuq il-hati l-interdizzjoni generali perpetwa.

Il-Qorti tiddikjara lill-hati bhala immigrant ipprojbit u tordna t-tkeccija tieghu minn dawn il-gzejjer. Il-Qorti tordna illi l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza, jigu mibghuta lill-Avukat Generali kif provdut fl-Artikolu 401(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(ft) Rita Saliba

Deputat Registratur

Vera kopja,

Deputat Registratur